MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2009

Numru. 874/2002

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA'**

**KONTRA**

**ANTHONY BORG ta' 59 sena, iben Carmelo u Mary nee' Ghirxi, imwieled tal-Pieta' nhar it-22 ta' April, 1950, residenti fil-fond Chez La Paix, Triq l-Istazzjon, Birkirkara, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 436150M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **ANTHONY BORG** li gie akkuzat talli:

1. Nhar it-2 ta' Marzu, 2001 u f'data ohra precedenti, f'Birkirkara, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti,

izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehudin b'qerq jew akkwistati b'reat u cioe' zewg kunsinni ta' karta bil-valur ta' aktar minn Lm2,500, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxiehom, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 18 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal prcoeduri sommarji – DOK AG, folio 14. Rat li fl-interrogatorju Anthony Borg wiegeb li ma kienx hati ta' l-akkuzi kif migjuba kontra tieghu, kif ukoll lil ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta.

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta mix-xhieda prodotta li f'okkazjoni li Anthony Borg, l-imputat mar ihallas ghand Millers Distributors, minghand min kien jixtri oggetti relatati mal-hanut tieghu ta' *stationery*, hemm iltaqa' ma' certu Robert Gafa'. L-imputat kien issugerixxa lil Gafa' li dan ikellem lil Miller biex din is-socjeta' tibda tixtri *photocopy paper* minghand l-imputat. Minflok, fi zjara li l-imputat ghamel aktar tard ghand il-Miller, Gafa' offrielu li jbieghlu karti bi prezz tajjeb.

Qal l-imputat kemm fl-istqarrija minnu rilaxxata DOK AB folio 13, kif ukoll meta xehed quddiem din il-Qorti *viva voce*, li huwa accetta minghand dan il-habib ta' Gafa' ghax il-prezz lilu offrut minnu kien tajjeb, cioe' 95c-il ir-rizma minflok 95c-il rizma, dan ghaliex skond l-imputat huwa kien ser jaghmel ordni kbira – 500 kaxxa ta' 5 rizmi 'l wahda.

Illi huwa ordna minghand Gafa' darbtejn. Qal ukoll illi hallas ta' dan l-ordni lil dan Gafa'. Tkellem dwar il-fatt li l-ewwel ordni ngabet lilu b'vannijiet ta' JM Supplies, minn nies lebsin uniformi ta' din is-socjeta'.

Pierre Muscat fil-fatt xehed illi hu kien jahdem bhala *salesman* mad-ditta JM Supplies. Qal li fi zmien l-akkuza, kien certu Robert Gafa’ li kien jaghmel il-*purchasing orders* mas-socjeta’ JM Supplies. Qal illi f’okkazjoni minnhom Robert Gafa’ kien cempillu ghal ordni ta’ karti ta’ *photocopy*, bid-differenza li minflok kellu jibaghtha ghand Miller, kellu jibaghtha go ndirizz go Birkirkara. Jiftakar li din l-ordni kien ghamilhielu Robert Gafa’.

Ghandu jinghad illi f’dan l-istadju li jirrizulta mill-atti, anke mix-xhieda stess ta’ l-istess imputat li l-ordni tal-kaxxi tal-karti rcevieha gor-residenza tieghu gewwa Birkirkara.

Xehed ukoll Kenneth Frendo li jahdem bhala *financial controller* ma’ Miller Distributors. Tkellem dwar incident fejn irrizulta li l-kumpanija Miller kienet qietghda tixtri ammont ta’ *stationery* li ma kienx qieghed jasal il-kumpanija, b’dan li l-ordnijiet kienu qeghdin jaslu ghand *third parties* varji (folio 35).

Xehed li kien Robert Gafa’ li kien il-persuna f’Miller li kien inkarigat li jaghmel il-*purchasing* ta’ *stationery*.

Ludwig Camilleri ukoll haddiem bhala *delivery man* ma’ JM Supplies, fi zmien l-akkuza. Qal li l-akkuzat jafu ghax darba kien ikkonsenjalu zewg vannijiet *photocopies* – dan fuq ordni ta’ JM Supplies.

James Tanti wkoll fis-sena 2001 kien jahdem ma’ JM Supplies. Ftakar li darba kellhom ordni ta’ *photocopy paper* li kienet *invoiced* lil Miller pero kellha tittiehed Birkirkara.

Ikkunsidrat:

Illi certament mix-xhieda migbura bhala fatt jirrizulta li Anthony Borg bi ftehiem ma’ impjegat tas-socjeta’ Miller Distributor, xtara minghand Gafa’ ammont kbir ta’ karti ta’ *photocopy* li taghhom hallas lil Robert Gafa’. Din it-transazzjoni ta’ bejgh giet *invoiced* mis-socjeta’ venditrici

JM Supplies lil Miller Distributors, li ovvjament qatt ma rcevew dawn il-karti.

Il-perm ta’ dan ir-reat addebitat lill-imputat taht l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, huwa jekk l-imputat kellux ix-xjenza tal-provenjenza ta’ dawn il-karti lilu mibghuta.

Anthony Borg spjega li huwa fl-opinjoni tieghu kien qieghed jixtri dawn il-karti bil-*fair* (folio 95).

Qal ‘*Ma kelli ebda dubbju li huma misruqin jew hekk. Jiena f’mohhi kelli li dan ir-ragel Robert Gafa’ kien qieghed jaghmilha ta’ salesman bhala part-time.’* (folio 95). Kien insistenti li Robert Gafa’ lilu qatt ma qallu xejn fuq dak li kien qieghed jorkestra u li hu qatt ma kien dahallu ebda dubbju. Zied li hu kien jaf li Gafa’ kien jahdem ma’ Miller jew ghalih. Seta’ kien il-kaz li kien qieghed jahdem ukoll *part-time* ma’ JM Supplies. Dwar il-prezz ahjar mis-soltu, wiegeb li dan kien biss rizultat tal-fatt illi kien xtara ammont kbir ta’ karti.

Ikkunsidrat:

Kif gie suriferit element kostituttiv tar-reat ta’ ricetazzjoni huwa x-xjenza tal-provenjenza ta’ l-oggett materjali tar-reat. Hija l-fehma soda ta’ din il-Qorti li tali xjenza ma gietx pruvata da parti ta’ l-imputat – ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tillibera lil Anthony Borg mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------